

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 2.6.2010
KUMM(2010) 285 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI, LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL,
IL-KUMMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMMITAT TAR-
REĠJUNI**

**Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-UE
tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE (Rakkomandazzjoni 2009 dwar
ir-remunerazzjoni tad-Diretturi) li tikkomplementa r-
Rakkomandazzjonijiet 2004/913/KE u 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-
remunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża**

{KUMM(2010) 284}
{KUMM(2010) 286}
{SEG(2010) 670}

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL,
IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-
REĠJUNI**

**Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-UE
tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE (Rakkomandazzjoni 2009 dwar
ir-remunerazzjoni tad-Diretturi) li tikkomplementa r-
Rakkomandazzjonijiet 2004/913/KE u 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-
remunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. Għan tar-rapport

Il-kriżi finanzjarja kixfet dgħufijiet serji fir-regolazzjoni u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji. Hemm qbil wiesa' li l-iskemi ta' kumpens ibbażati fuq ir-rendimenti fil-qosor, mingħajr qies adegwat tar-riskji korrispondenti, ikkontribwew għall-inċentivi li wasslu biex istituzzjonijiet finanzjarji wettqu prattiki ta' negozju li kienu riskjużi wisq. Tqajmu wkoll preokkupazzjonijiet usa' dwar żidiet sostanzjali riċenti fir-remunerazzjoni tal-eżekuttivi, u l-importanza dejjem tiżidied tal-paga varjabbli fil-kompożizzjoni tar-remunerazzjoni tad-diretturi u attenzjoni għal żmien qasir fuq il-politiki tar-remunerazzjoni fis-setturi kollha tal-ekonomija.

Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-remunerazzjoni tad-diretturi fil-kumpaniji kwotati (2004/913/KE) u dwar ir-rwol tad-diretturi mhux eżekuttivi jew superviżorji u l-kumitati tal-bordijiet superviżorji (2005/162/KE) ma indirizzawx il-kwistjonijiet kollha li nkixfu mill-kriżi finanzjarja. B'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjonijiet ma jirrikjedux li r-remunerazzjoni tal-eżekuttivi tkun allinjata mal-interess fit-tul tal-kumpaniji. F'dan l-isfond, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-2 ta' Diċembru 2008, stiednu lill-Kummissjoni biex *"tagħorna r-rakkomandazzjoni tagħha biex tippromwovi kontroll aktar effikaċi min-naħa tal-azzjonisti, u tinkoraġġixxi rabta aqwa bejn il-paga u l-prestazzjoni, inkluż il-ħlasijiet għat-terminazzjoni ('il-paraxuts dehbija')"*. Għalhekk, f'April 2009, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni ġdida (2009/385/KE) fir-rigward tas-sistema tar-remunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża u dwar il-proċess ta' tfassil u t-tħaddim tal-politika tar-remunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża, li tistabilixxi sett ta' prinċipji ġodda li jikkomplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet preċedenti.

Politika adegwata ta' remunerazzjoni għandha tiżgura paga li tirrifletti l-prestazzjoni u li tistimula d-diretturi biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-kumpaniji tagħhom għal perjodu ta' żmien medju u fit-tul. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2009 tagħti aktar linjigwida sabiex jintlaħaq dan l-għan. Hija bbażata fuq l-aħjar prattiki għat-tfassil ta' politika xierqa tar-remunerazzjoni. Tiffoka fuq ċerti aspetti tal-istruttura tar-remunerazzjoni tad-diretturi u l-governanza tar-remunerazzjoni tad-diretturi, inkluża s-superviżjoni min-naħa tal-azzjonisti.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jevalwa jekk l-Istati Membri ħadux azzjoni biex jimplimentaw il-prinċipji ewlenin tar-Rakkomandazzjoni tal-2009 fuq ir-remunerazzjoni tad-diretturi. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed tipprepara rapport li janalizza l-endorjar tar-Rakkomandazzjoni (2009/384/KE) dwar il-politiki ta' remunerazzjoni fil-qasam tas-servizzi

finanzjarji Dan ir-rapport se jqis ukoll liema miżuri ttieħdu mill-Istati Membri biex ikunu implimentati wħud mill-prinċipji ewlenin tar-Rakkomandazzjoni tal-2004 dwar ir-remunerazzjoni tad-diretturi, b'mod partikolari l-prinċipji relatatti mad-divulgazzjoni ta' politika ta' remunerazzjoni u r-remunerazzjoni individwali tad-diretturi u l-vot tal-azzjonisti fuq ir-rendikont tar-remunerazzjoni, bl-għan li jkun analizzat jekk ittieħdux iktar passi f'dan il-qasam wara l-kriżi finanzjarja.

L-Istati Membri kienu mistiedna jieħdu l-miżuri neċessarji biex jippromwovu l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, pereżempju permezz ta' leġislazzjoni jew ta' regoli dwar l-aħjar Prattika bbażati fuq il-prinċipju "ikkonforma jew spjega".

Il-prinċipju "ikkonforma jew spjega" jagħti flessibilità lill-kumpaniji. Xi kumpaniji jistgħu jsibu li ċerta rakkomandazzjoni mhix adattata għal karatteristiċi speċifiċi tagħhom u/jew konformità ma' standard partikolari se tkun ta' piż eċċessiv jew diffiċli. Mhux meħtieġ li dawn il-kumpaniji jikkonformaw ma' dak l-istandard sakemm jiddivulgaw dawn id-devjazzjonijiet u jagħtu spjega lis-suq.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju tal-Istaf tal-Kummissjoni kif ukoll fuq l-analiżi tal-kodiċijiet u l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-governanza korporattiva tal-Istati Membri. Dan ir-rapport huwa komplut mid-dokument ta' ħidma tal-uffiċjali tal-Kummissjoni meħmuż ma' dan ir-Rapport u jinkludi t-tabelli li jindikaw il-limitu safejn l-Istati Membri jkunu segwew ir-rekwiżiti tar-Rakkomandazzjoni.

2. IS-SEJBIET EWLENIN TAL-EVALWAZZJONI

Minoranza ta' Stati Membri¹ implimentaw għall-inqas nofs ir-rakkomandazzjonijiet. Bħalissa, għadd ta' Stati Membri² għadhom qed jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet (ta' xi wħud minnhom) fil-leġislazzjoni jew fil-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva tagħhom. Ħafna Stati Membri³ jesiġu jew jirrakkomandaw li remunerazzjoni varjabbli tkun marbuta mal-prestazzjoni u qed jippromwovu sostenibilità għal żmien twil tal-kumpanija. Minoranza ta' Stati Membri jirrikjedu jew jirrakkomandaw diferiment⁴ u rkupri⁵ tar-remunerazzjoni varjabbli filwaqt li l-maġġoranza jirrakkomandaw jew jirrikjedu limitu tal-ħlasijiet għat-terminazzjoni⁶. Remunerazzjoni bbażata fuq l-ishma għandha tkun marbuta mal-kriterji ta' prestazzjoni f'ħafna Stati Memri, iżda minoranza ta' Stati Membri biss⁷ jesiġu jew jirrakkomandaw perjodi ta' vestiment jew ta' nuqqas ta' eżerċitar, li huma soġġetti għall-kriterji ta' prestazzjoni. Minoranza ta' Stati Membri⁸ ħadu azzjoni biex jippromwovu l-

¹ AT, BE, DE, DK, LT, IT, NL, PT, SI u UK

² CY, CZ, EE, ES, FI, IT, PL u UK

³ AT, BE, BU, DE, DK, FR, HU, IT, LV, LT, LU, NL, PT, SE, SI, SK, u UK.

⁴ AT, BE, DE, DK, LT, IT, PT, SE u SI.

⁵ AT, DE, DK, FI, FR, LT, NL, SE u SI. Madanakollu, CY, CZ, EE, ES, IT u UK qed jippjanaw rakkomandazzjonijiet/leġislazzjoni f'dan il-qasam.

⁶ AT, BE, DE, DK, EE, FR, IE, IT, LT, LU, NL, PT, SE, SI u UK. Madanakollu, AT, BE, DE u FR jillimitaw il-ħlasijiet ta' terminazzjoni għal numru massimu ta' remunerazzjoni annwali totali minflok remunerazzjoni fissa kif rakkomandat.

⁷ BE, DK, IE, IT, LT, PT u UK.

⁸ BE, DE, DK, IE, LT, NL, SI, SK u UK.

votazzjoni tal-azzjonisti rigward il-kwistjonijiet tar-remunerazzjoni. Minoranza ta' Stati Membri⁹ approvaw ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-Kumitati tar-Remunerazzjoni.

L-endorsjar tad-dispożizzjonijiet tal-2004 dwar id-divulgazzjoni u l-vot tal-azzjonisti żdied b'mod sinifikanti fis-snin riċenti. Teżisti tendenza wkoll fost l-Istati Membri biex dawn il-kwistjonijiet ikunu rregolati b'mod vinkolanti.

3. Valutazzjoni tal-Applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni

L-endorsjar tar-rakkomandazzjonijiet huwa valutat skont iż-żona. L-Istati Membri li implimentaw (xi wħud) ir-rakkomandazzjonijiet, il-biċċa l-kbira inkludewhom fil-Kodiċijiet ta' Governanza Korporattiva. Għadd ta' Stati Membri¹⁰ għadu qed jaħdem fuq proposti leġiżlattivi u/jew fuq reviżjoni tal-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva tiegħu biex jinkludi (uħud) r-rakkomandazzjonijiet. Iktar minn hekk, l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tissuġġerixxi li xi Stati Membri ma qisux bżonnjuż li jintroduċu r-rakkomandazzjonijiet (kollha) fil-leġiżlazzjoni tagħhom jew fil-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva minħabba li ma deherx li ma kien hemm problemi sinifikanti bir-remunerazzjoni fl-Istat Membru tagħhom¹¹.

3.1. Struttura tal-politika ta' remunerazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jew jirrakkomandaw jew jirrikjedu li r-remunerazzjoni varjabbli tkun marbuta mal-kriterji ta' prestazzjoni. Madanakollu, mhux ir-rakkomandazzjonijiet u/jew il-liġijiet nazzjonali kollha jistipulaw b'mod espliċitu li l-kriterji ta' prestazzjoni għandhom ikunu ddeterminati minn qabel u jkunu miżurabbli¹². Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-Istati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu l-promozzjoni tas-sostenibbiltà għal tul ta' żmien twil tal-kumpanija permezz tal-għażla tal-kriterji ta' prestazzjoni iżda minoranza ta' Stati Membri biss jirrakkomandaw jew jirrikjedu l-inklużjoni ta' kriterji ta' prestazzjoni mhux finanzjarji biex tkun iddeterminata r-remunerazzjoni varjabbli.

Madwar nofs l-Istati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu li kumpaniji jistipulaw limiti dwar il-parti varjabbli tar-remunerazzjoni. Madanakollu, ftit Stati Membri espliċitament jinkoraġġixxu kumpaniji li jirrifjutaw ir-remunerazzjoni varjabbli f'każ ta' nuqqas ta' prestazzjoni.

Minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu diferiment ta' parti kbira mir-remunerazzjoni varjabbli, fis-sens li parti kbira mir-remunerazzjoni varjabbli tingħata biss fuq il-bażi tal-kriterji ta' prestazzjoni fuq għadd ta' snin jew l-għoti definittiv ta' parti kbira mir-remunerazzjoni varjabbli jkun pospost għal għadd ta' snin ladarba jitwettqu b'sodisfazzjon il-kriterji ta' prestazzjoni wara perjodu ta' żmien. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tissuġġerixxi li waħda mir-raġunijiet għar-rata baxxa ta' endorsjar hija li mhux l-Istati Membri kollha huma familjari mal-kunċett ta' diferiment¹³ u jista' jkun li fehmuh b'mod differenti.

⁹ AT, BE, DE, DK, IT, LT, NL, PT and SI approvaw għadd minn dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

¹⁰ CY, CZ, EE, ES, FI, IT, PL and the UK

¹¹ Fost l-oħrajn EE u SK

¹² Madanakollu, xi Stati Membri jasserixxu li r-rakkomandaw dan b'mod impliċitu.

¹³ Id-diferiment ta' remunerazzjoni varjabbli jfisser li din tal-aħħar tingħata fuq il-bażi tal-kriterji ta' prestazzjoni fuq għadd ta' snin jew l-għoti definittiv jiġi postpost għal għadd ta' snin ladarba jiġu

Minoranza ta' Stati Membri endorsjaw ir-rakkomandazzjoni rigward l-arranġamenti ta' rkupru, jiġifieri arranġamenti kuntrattwali mad-diretturi li jippermettu lill-kumpanija tirkupra remunerazzjoni varjabbli li kienet tħallset fuq il-bażi ta' dejta li ma kinitx korretta, jew dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti kumpaniji li jagħmlu dan. Din il-kwistjoni hija kkontrollata ħafna iktar mil-liġi milli kwistjonijiet oħra koperti mir-Rakkomandazzjoni. Għadd ta' Stati Membri ppubblikaw proposti leġiżlattivi biex jemendaw il-liġi f'dan ir-rigward¹⁴. Flimkien mar-reviżjonijiet ipplanati tal-Kodiċijiet ta' Governanza Korporattiva, dan se jirriżulta fl-endorsjar tar-rakkomandazzjoni mill-maġġoranza tal-Istati Membri.

Rigward il-ħlasijiet ta' terminazzjoni, minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu li dawn ikunu limitati għal sentejn remunerazzjoni fissa. Madanakollu, xi Stati Membri jippermettu li ħlasijiet ta' terminazzjoni jkunu bbażati wkoll fuq remunerazzjoni varjabbli (medja)¹⁵. Stati Membri oħra huma iktar stretti, minħabba li rakkomandaw limitu ta' sena għal remunerazzjoni fissa¹⁶. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li jirrakkomandaw jew jirrikjedu limitu għall-ħlasijiet ta' terminazzjoni, jirrakkomandaw jew jirrikjedu wkoll li huma m'għandhomx jitħallsu jekk it-terminazzjoni ssir minħabba prestazzjoni inadegwata¹⁷.

3.2. Remunerazzjoni bbażata fuq l-ishma

Ħafna Stati Membri jqisu r-remunerazzjoni bbażata fuq l-ishma bħala forma ta' remunerazzjoni varjabbli. Konsegwentement, l-għoti ta' ishma jew opzjonijiet fuq l-ishma ħafna drabi huwa marbut mal-kriterji ta' prestazzjoni. Madanakollu, għadd ta' Stati Membri biss jirrakkomandaw jew jirrikjedu li l-ishma ma għandhomx ikunu vestiti għal mill-inqas tliet snin wara l-għoti tagħhom u l-opzjonijiet fuq l-ishma ma għandhomx ikunu eżerċitabbli għal perjodu simili. Xi Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu perjodu ta' vestimentq għall-ishma biss¹⁸. Oħrajn jirrakkomandaw jew jirrikjedu restrizzjoni biss fuq id-dritt li jeżerċitaw l-opzjonijiet fuq l-ishma¹⁹.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll li l-vestment ta' ishma u d-dritt għall-eżerċitar tal-opzjonijiet fuq l-ishma għandhom ikunu suġġetti għal kriterji ta' prestazzjoni ddeterminati minn qabel u miżurabbli. Dan ifisser li wara li jingħataw l-ishma jew l-opzjonijiet fuq l-ishma (kemm fuq il-bażi tal-prestazzjoni u kemm jekk le), l-assenjazzjoni ta' ishma jew id-dritt għall-eżerċitar tal-opzjonijiet fuq l-ishma jingħataw biss jekk il-kriterji ta' prestazzjoni jkunu intlaħqu. Minoranza ta' Stati Membri implimentaw din ir-rakkomandazzjoni. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tissuġġerixxi li xi wħud fehmu r-rakkomandazzjoni b'mod differenti, fis-sens li l-għoti ta' remunerazzjoni skont l-ishma għandu jkun suġġett għall-kriterji ta' prestazzjoni minflok l-assenjazzjoni ta' ishma u d-dritt għall-eżerċitar wara l-għoti inizjali. Din tista' tkun raġuni għar-rata baxxa ta' endorsjar ta' din ir-rakkomandazzjoni.

ssodisfati l-kriterji ta' prestazzjoni wara perjodu ta' żmien u għandu għall-inqas japplika għal remunerazzjoni varjabbli fi flus. (Ir-remunerazzjoni varjabbli f'ekwità hija indirizzata mir-rakkomandazzjonijiet rigward remunerazzjoni bbażata fuq ishma).

¹⁴ Barra minn hekk, xi Stati Membri qed jippreparaw reviżjoni tal-Kodiċi ta' Governanza tal-Kumpaniji li se tirrakkomanda l-possibbiltà ta' rkupru tar-remunerazzjoni varjabbli.

¹⁵ AT, BE, DE u FR.

¹⁶ IE, NL, SI u UK

¹⁷ Madanakollu, DK u SE ma jirrakkomandawx dan minħabba li jqisuh inkompatibbli mal-funzjoni tal-ħlasijiet għat-terminazzjoni bħala "xibka ta' sikurezza" f'każ ta' terminazzjoni immedjata tal-kuntratt.

¹⁸ FR, LU u SE

¹⁹ CY, DK, NL u PT

3.3. Id-divulgazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni u l-vot tal-azzjonisti

Ħafna Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu standards minimi għad-divulgazzjoni. Ħafna drabi, din tiegħu l-forma ta' lista ta' elementi li għandhom ikunu inklużi fil-politika ta' remunerazzjoni divulgata. Fir-Rakkomandazzjoni tal-2004, il-Kummissjoni rakkomandat ukoll standards minimi għad-divulgazzjoni. Ħafna Stati Membri kkunsidraw daww il-istandards. Fir-Rakkomandazzjoni tal-2009, il-Kummissjoni rakkomandat elementi addizzjonali li għandhom ikunu divulgati fil-politika ta' remunerazzjoni u tirrakkomanda wkoll b'mod ġenerali li l-politika ta' remunerazzjoni għandha tkun ċara u waħda li tinftiehem malajr. Minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jesiġu b'mod espliċitu li l-politika tar-remunerazzjoni divulgata għandha tkun ċara u tinftiehem malajr. Xi Stati Membri ħadu approċċ differenti biex jilhqqu din il-mira u ħarġu template standard għad-divulgazzjoni. Barra minn hekk, minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu l-inklużjoni tal-elementi kollha rakkomandati mill-Kummissjoni fir-Rakkomandazzjoni tal-2009, fil-politika ta' remunerazzjoni divulgata. Teżisti wkoll it-tendenza fost l-Istati Membri li jintroduċu rakkomandazzjonijiet u esigjenzi ġodda rigward id-divulgazzjoni fil-politika tar-remunerazzjoni ta' elementi relatati mar-remunerazzjoni varjabbli, inklużi l-kriterji ta' prestazzjoni għal tul ta' żmien twil u l-kejl ta' prestazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni bbażata fuq l-ishma.

F'minoranza ta' Stati Membri hemm rakkomandazzjoni jew dispożizzjoni leġislattiva li tippromwovi l-votazzjoni tal-azzjonisti fuq il-politika ta' remunerazzjoni. Dawn irakkomandazzjonijiet u dispożizzjonijiet għandhom forom differenti. Xi wħud jirrakkomandaw jew jirrikjedu li l-kumpaniji jiffaċilitaw aħjar il-votazzjoni tal-azzjonisti. Xi Stati Membri jirrakkomandaw (xi drabi taħt obbligi 'ikkonforma jew spjega') lill-azzjonisti jew lill-investituri istituzzjonali biex jagħmlu użu konsiderevoli tad-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk għandu jkun innotat li sempliċiment il-fatt li l-azzjonisti għandhom dritt li jivvutaw dwar il-politika tar-remunerazzjoni, fl-opinjoni tal-Kummissjoni ma jikkwalifikax bħala fattur li jinkoraġġixxi l-votazzjoni tal-azzjonisti dwar il-politika tar-remunerazzjoni.

3.4. Il-Kumitat għar-Remunerazzjoni

Rigward il-ħila esperta u l-integrità tal-Kumitat għar-Remunerazzjoni, minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu li membru wieħed tal-Kumitat għar-remunerazzjonijiet ikun espert fil-qasam tal-politika tar-remunerazzjoni²⁰. Ftit Stati Membri minflok jirrakkomandaw jew jirrikjedu li kull membru tal-bord, membru superviżorju tal-bord jew membru mhux eżekuttiv tal-bord jew membru tal-Kumitat għar-remunerazzjoni, għandu b'mod ġenerali kwalifiki biżżejjed, għarfien u/jew esperjenza rigward il-karigi tiegħu. Stat Membru²¹ jirrakkomanda li l-Kumitat għar-remunerazzjoni jkollu aċċess għall-ħiliet neċessarji biex jaqdi r-rwol tiegħu. Madanakollu, minn dan jista' jirriżulta wkoll li l-Kumitat għar-remunerazzjoni jitlob konsulenza esterna. Rigward il-konsulenti esterni, minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu li l-Kumitat għar-Remunerazzjoni jiżgura li kwalunkwe konsulent li jqabdu, ma jagħtix konsulenza lill-kumpanija fl-istess ħin. Minflok żewġ Stati Membri²² jirrakkomandaw jew jirrikjedu d-divulgazzjoni tas-servizzi l-oħra li

²⁰ Xi Stati Membri indikaw li kellhom diffikultà biex jiddefinixxu "ħila esperta".

²¹ LU

²² IE u UK. Il-UK indika li l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet legali vinkolanti biex ikunu evitati kunflitti ta' interess tal-konsulenti tar-remunerazzjoni tkun inkonsistenti mar-rekwiżiti ta' fornituri ta' servizzi oħra.

konsulent jagħti lill-kumpanija. Stat Membru²³ jirrakkomanda li l-Kumitat għar-Remunerazzjoni, meta jqabbd konsulent jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess ma' kompiti oħra li l-konsulent jista' jkollu. Rigward il-ġudizzju indipendenti ta' membri tal-Kumitat għar-Remunerazzjoni, f'tit Stati Membri biss irrakkomandaw jew esiġew b'mod espliċitu li, fl-eżeritar tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat għar-Remunerazzjoni jeżerċita ġudizzju indipendenti u integrità. Jidher li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma tal-opinjoni li dan awtomatikament isegwi mir-rakkomandazzjoni jew ir-rekwiżit li l-biċċa l-kbira (jew it-totalità) tal-Membri tal-Kumitat għar-remunerazzjoni jkunu indipendenti. Madanakollu, irrakkomandazzjoni tal-Kummissjoni kienet maħsuba biex isaħħaħ il-ħsieb indipendenti tal-membri tal-Kumitat għar-remunerazzjoni, la darba jintgħażlu skont il-kriterji applikabbli (bħall-kriterju tal-indipendenza).

Rigward ir-rwol tal-Kumitat għar-remunerazzjoni, f'tit Stati Membri biss jirrakkomandaw jew jirrikjedu li dan jirrevedi perjodikament il-politika tar-remunerazzjoni tad-diretturi eżekuttivi, filwaqt li Stat Membru wiehed²⁴ jgħaddi dan il-kompitu lill-bord superviżorju. Għadd ta' Stati Membri jidher li huma tal-opinjoni li dan il-kompitu diġà huwa inkluż fil-kompitu tal-Kumitat għar-Remunerazzjoni biex jipproponi politika ta' remunerazzjoni. Meta l-qafas legali nazzjonali jirrakkomanda jew jesiġi li l-Kumitat għar-remunerazzjoni jipprepara kull sena politika tar-remunerazzjoni, jidher naturali li l-Kumitat juża l-opportunità biex jirrevedi l-politika tar-remunerazzjoni preċedenti qabel jipproponi (possibilmont bl-istess mod) politika tar-remunerazzjoni għas-sena ta' wara. Madanakollu, irrakkomandazzjoni tal-Kummissjoni kienet maħsuba biex isaħħaħ l-iffunzjonar eżistenti tal-Kumitat għar-Remunerazzjoni billi tinkoraġġixxi monitoraġġ attiv u revizzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni bil-għan li tipproponi tibdiliet, kemm fis-sistema fejn il-politika tar-remunerazzjoni għandha tkun proposta kull sena u anke meta dan ma jkunx il-każ.

Minoranza ta' Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu li l-Kumitat għar-Remunerazzjoni jiżgura proporzjonalità fir-remunerazzjoni bejn diretturi eżekuttivi individwali u bejn eżekuttivi u impjegati oħra tal-kumpanija. Xi Stati Membri madanakollu jirrakkomandaw jew jirrikjedu proporzjonalità fir-remunerazzjoni bejn kumpaniji fil-grupp, li mhux eżattament l-istess. Xi f'tit Stati Membri jirrakkomandaw jew jirrikjedu li l-Kumitat tar-remunerazzjoni jirrapporta u jkun preżenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali. Xi Stati Membri madanakollu jirrikjedu l-preżenza ta' membru wieħed jew aktar tal-Kumitat għar-remunerazzjoni.

4. Żviluppi rigward l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2004/2005

Mir-Rapport tal-Uffiċjali tal-Kummissjoni tal-2007 dwar l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2004, madwar nofs l-Istati Membri²⁵ ħadu inizjattivi legiżlattivi²⁶ rigward ir-remunerazzjoni tad-diretturi. Xi wħud minn dawn l-inizjattivi indirizzaw aspekk speċifiku wieħed biss tiegħu, bħal pereżempju l-ħlasijiet tat-terminazzjoni, iżda ħafna mill-inizjattivi kienu relatati mad-divulgazzjoni tal-politika tar-remunerazzjoni, remunerazzjoni individwali u/jew il-vot tal-azzjonisti fuq ir-remunerazzjoni tad-diretturi. Ħafna minn dawn l-Istati Membri diġà kellhom dispożizzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet fil-Kodiċijiet ta' Governanza Korporattiva u għażlu li jsaħħu d-dispożizzjonijiet billi jagħmluhom vinkolanti, filwaqt li xi Stati Membri introduċew dawn id-dispożizzjonijiet fil-qafas legali tagħhom

²³ SE

²⁴ EE

²⁵ AT, BE, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, HU, IE, IT, LV, PT, SI, SK

²⁶ jew miżuri vinkolanti oħra, bħar-regoli tal-ejenkar.

permezz ta' liġijiet ġodda. Xi Stati Membri għadhom għaddejjin bil-proċess leġiżlattiv ta' tagħhom²⁷. Minbarra l-inizjattivi leġiżlattivi, għadd ta' Stati Membri li fl-2007 ma kellhomx rakkomandazzjonijiet dwar id-divulgazzjoni ta' politika tar-remunerazzjoni, remunerazzjoni individwali tad-diretturi u/jew il-vot tal-azzjonisti fil-Kodiċi ta' Governanza ta' tagħhom, meta l-Uffiċjali tal-Kummissjoni ħarġu r-rapport ta' tagħhom dwar l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-2004, sa issa introduċew rakkomandazzjonijiet bħal dawn. Madanakollu, għad hemm ftit Stati Membri li ma jirrakkomandawx jew ma jirrikjedux dan. Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li rigward id-divulgazzjoni tal-politika tar-remunerazzjoni jew ir-rapport, hemm differenzi fost l-Istati Membri rigward ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jew il-kontenut rikjest. Barra minn hekk, l-effett mogħti lill-vot tal-azzjonijisti ta' konsulenza, jista' jkun differenti fost l-Istati Membri

Rigward ir-Rakkomandazzjoni tal-2005 dwar diretturi indipendenti, li tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar il-ħolqien u r-rwol tal-Kumitat tar-remunerazzjoni, hemm ftit Stati Membri li ma jirrakkomandawx jew ma jirrikjedux it-twaqqif ta' kumitat bħal dan u hemm differenzi fil-kompiti rakkomandati jew rikjesti u fl-iffunzjonar tal-Kumitat tar-remunerazzjoni fost l-Istati Membri meta dan il-Kumitat huwa rakkomandat jew rikjest.

²⁷ CZ, EE, ES u IT

5. KONKLUŻJONI:

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2009 kienet ikkunsidrata minn għadd ta' Stati Membri. Għaxar Stati Membri approvaw mill-inqas nofs ir-rakkomandazzjonijiet²⁸. Madanakollu, il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet kienu implimentati minn minoranza ta' Stati Membri. Bħalissa għadd ta' Stati Membri²⁹ għadhom qed jaħdmu fuq l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet (xi wħud minnhom) fil-liġi tagħhom jew fil-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva. Rigward il-kontenut, ir-rakkomandazzjonijiet dwar remunerazzjoni varjabbli b'mod ġenerali kienu implimentati sa limitu usa' mir-rakkomandazzjonijiet dwar il-Kumitat għar-Remunerazzjoni.

Madanakollu, l-endorjar tad-divulgazzjoni u tad-dispożizzjonijiet dwar il-vot tal-azzjonisti tar-Rakkomandazzjoni tal-2004 żdiedet b'mod sinifikanti fis-snin riċenti. Hemm tendenza wkoll fost l-Istati Membri biex dawn il-kwistjonijiet ikunu rregolati b'mod vinkolanti. Minkejja dan, għad hemm differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri rigward id-divulgazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' remunerazzjoni jew ta' politika tar-remunerazzjoni, il-kontenut tad-dikjarazzjoni tar-remunerazzjoni u l-livell ta' dettall u d-divulgazzjoni ta' remunerazzjoni individwali. Rigward il-vot tal-azzjonisti, hemm differenzi rigward is-suġġett tal-vot u jekk il-vot hux vinkolanti jew le, filwaqt li jidher li hemm differenzi rigward is-segwitu li jinġhata lill-vot ta' konsulenza negattiv.

Konsegwentement, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tikkunsidra jekk hemmx bżonn ta' miżuri ulterjuri biex jitjiebu l-koerenza u l-effikaċja ta' azzjoni tal-UE f'dan il-qasam. Għal dan l-għan, ġew inklużi sensiela ta' mistoqsijiet fil-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-Governanza Korporattiva fl-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

²⁸ AT, BE, DE, DK, IT, LT, NL, PT, SI u UK

²⁹ CY, CZ, EE, ES, FI, IT, PL u UK